**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

*Kumpilazzjoni Numru 286/2018*

**Il-Pulizija**

**(Eks-Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

***Omissis***

**u**

**Joseph Scerri**

Illum, il-25 ta' Frar 2025

Il Qorti:

Rat l-akkuzi migjuba kontra *Ommissis* u Joseph Scerri detentur tal-karta tal-identita` numru 169168M akkuzati talli:

*B'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe`talli fl-4 ta' Frar, 2018, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija [5.30pm] u/jew hinijiet wara, gewwa Triq Farson Hamrun u/jew f'dawn il-gzejjer ikommettew serq ta' ghodda, flus u/jew oggetti ohra kontanti minn gewwa vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni CCE-265 ghad-dannu ta' Ziyad Hamoud u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa.*

*Ukoll talli fis-7 ta' Mejju, 2018, ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar [2pm]u/jew hinijiet wara minn gewwa sit ta' kostruzzjoni sitwat fit-Triq Misrah il-Barrieri Santa Venera u/jew f'dawn il-gzejjer, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass ul romblu tal-'membrane' u/jew oggetti ohra ghad-dannu ta' Roderick Psaila, Nicola Farrugia u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);*

*Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputati Joseph Scerri u David Bugeja bhala li saru recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienu misjuba hatja ta' diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.*

Lil Joseph Scerri wahdu nakkuzah ukoll talli:-

*Ghamel reat waqt perjodu ta' sentenza sospiza.*

*Fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi, kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D) b'digriet datat 16 ta' Lulju, 2014, li permezz tieghu nghata il-helsien mill-*

*arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat iehor ta' natura volontarja kif ukoll b'garanzija personali ta' €4,000.*

*Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka contrario imperio tad-digriet li bih Joseph Scerri inghata il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi mputat u kif ukoll tordna li s-somma indikata bhala garanzija personali, tghaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

**Illi din is-sentenza tikkoncerna biss lill-imputat Joseph Scerri**.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fil-11 ta' Gunju 2018[1] fejn wara ammissjoni mill-imputat Joseph Scerri, sabitu hati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih u kkundannatu ghal perjodu ta' prigunerija effettiva ghal erbatax (14)-il xahar. Il-Qorti ordnat ukoll ir-revoka tad-digriet ghall-helsien mill-arrest datat sittax (16) ta' Lulju, elfejn u sittax (2016) mill-Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona u fl-istess hin ordnat il-hlas tal-garanzija personali mposta fuq l-istess imputat fl-ammont ta' erbat'elef ewro (€4,000).

Rat li l-imputat Joseph Scerri intavola appell mill-imsemmija sentenza fl-20 ta' Gunju 2018[2].

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tas-27 ta' Gunju 2023[3] li permezz taghha, *ex officio* revokat is-sentenza u ordnat li l-atti jigu rinvjati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex il-kaz jerga' jinstema' u jigi deciz mill-gdid skont il-ligi b'dan li l-imputat jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata u sabiex terga' tinghata sentenza mill-gdid skont il-ligi.

[1] Folio 39-42 ta' l-atti processwali
[2] Folio 45-46 ta' l-atti processwali
[3] Folio 123-130 ta' l-atti processwali

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippreseduta fl-10 ta' Lulju 2023 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Dr Mark Chetcuri LL.D.[4]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti fil-mori tal-appell, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet li saret waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2024[5];

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi l-imputat kien gie akkuzat li wettaq serq ta' diversi ogetti minn go vettura fi Triq Farsons, Il-Hamrun, kif ukoll cilindru tal-gass u oggetti ohrajn minn sit tal-kostruzzjoni fi Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera, ghall-liema akkuzi huwa ammetta l-htija tieghu.

**Ikkunsidrat**

Rat li matul l-udjenza tat-8 ta' Mejju 2018, quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta[6], l-imputat Joseph Scerri minn jeddu irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi

[4] Folio 131(a) tal-atti processwali
[5] Folio 144-147 ta' l-atti processwali
[6] Folio 3 tal-atti processwali

legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga lura minnha.

Illi ghalhekk, b'amissjoni ta' l-imputa ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Il-prosekuzzjoni u d-difiza trattaw il-kawza mill-gdid fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2024[7]. Il-prosekuzzjoni taccenna ghall-fatt li l-imputat Joseph Scerri kien ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u li fil-fatt, il-fedina penali tieghu hija wahda voluminuza. Id-difiza referiet ghall-fatt li l-imputat huwa mahkum mill-vizzju tad-droga u ghalhekk, huwa suggeribbli li jkun hemm ordni ta' trattament.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti qieset li r-raguni ghalfejn l-ewwel sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta giet imhassra mill-Qorti tal-Appell Kriminali hija biss minhabba l-fatt li filwaqt li dik il-Qorti sabet lill-imputat hati li wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza precedenti, naqset milli tindika l-Artikolu tal-ligi relevanti, u cioe' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fid-*decide*.

Din il-Qorti rat ukoll, ghall-kompletezza, ix-xhieda migjuba quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-uniku aggravju hemm sollevat mill-imputat u minn din ix-xhieda, *tanto per*, bl-ebda mod ma jirrizulta li l-imputat kien inghata

[7] Folio 144-147 ta' l-atti processwali

xi accertament mill-Ufficjal Prosekutur li l-piena moghtija lilu necessarjament kellha tkun wahda non-karcerarja. Anke' li kieku stess dan kien il-kaz, fl-ahhar mill-ahhar, l-arbitriju tal-piena huwa fdat mill-legislatur f'idejn il-Qorti u f'dan il-kaz, il-fatti u cirkostanzi tal-imputat kienu jiggustifikaw il-piena moghtija. Bl-istess mod, lanqas ma tirrizuta ipprovata l-allegazzjoni tal-imputat li huwa safa privat mill-assistenza legali waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2018 meta huwa rregistra l-ammissjoni tieghu.

Ghalhekk, filwaqt li permezz tal-prezenti sentenza ser tindirizza id-difett procedurali affliggenti l-ewwel sentenza, din il-Qorti kif preseduta ma tara l-ebda motivant fattwali jew legali ghalfejn ghandha tiddepartixxi mill-piena hemm stabbilita.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 18, 28B, 49, 50, 261(b)(c)(g), 263(b), 267, 271, 278(3), 279(a), 280(2), 281(b), 289 u 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Joseph Scerri hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' prigunerija effettiva ghal erbatax (14)-il xahar. Il-Qorti tordna wkoll ir-revoka tad-digriet ghall-helsien mill-arrest moghti fil-konfront tal-imputat u datat sittax (16) ta' Lulju, elfejn u sittax (2016) mill-Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona u fl-istess hin tordna l-hlas tal-garanzija personali mposta fuqu fl-ammont ta' erbat elef ewro (€4,000).**

**Moghtija illum nhar il-25 ta' Frar 2025 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Registratur**